# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 13**
**Rikors maħluf numru 1192/2012 JZM**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

***v.***

***HSBC Bank Malta p.l.c.***

1. Dan huwa appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku [id-Direttur] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Lulju 2014 li laqgħet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art.2156(*g*) tal-Kodiċi Ċivili mressqa minn *HSBC Bank Malta p.l.c.* [*HSBC*]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'ittra ġudizzjarja taħt l-art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili d-Direttur sejjaħ lil *HSBC* sabiex tħallas ħdax-il elf, sitt mija u tnejn u tmenin euro u għaxar ċenteżmi (€11,682.10) għal riċerki

ordnati minnha. B'rikors tad-29 ta' Novembru 2012 taħt l-art. 466(2) *HSBC* opponiet it-tabla billi *inter alia* ressqet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l-art. 2156(*f*) u/jew (*g*) tal-Kodiċi Ċivili.

3. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni, u għalhekk ċaħdet it-talba tad-Direttur, għal raġunijiet li safejn relevanti għal dan l-appell fissrithom hekk:

> »Il-bank igħid illi sabiex l-allegat debitur jista' jinvoka l-preskrizzjoni, huwa għandu jinvoka l-preskrizzjoni li hija applikabbli għall-kwistjoni u li kien hemm it-trapass taż-żmien neċessarju. Il-bank invoka l-preskrizzjoni skond id-disposizzjonijiet ċitati fir-rikors ġuramentat għaliex il-ħlas pretiż huwa għal riċerki li ġew ordnati fir-Reġistru Pubbliku, u li għalhekk, *stante* li l-ħlas qiegħed jintalab minn dipartiment governattiv, l-azzjoni tista' titqies bhala azzjoni tal-gvern mhux biss għaliex il-kreditur huwa l-gvern, izda wkoll għaliex ir-rata ta' ħlas għal riċerki hija stabbilita fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku. Jekk huwa hekk, it-talba taqa' taht l-art. 2156(*g*) tal-Kap. 16. Jekk il-qorti tħoss illi l-ħlas mitlub m'għandux jitqies bħala 'dritt ġudizzjarju', allura għandu japplika l-artikolu 2156(*f*) li jirreferi għal 'ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra'. Dan premess kien rilevat illi d-Dok. A eżebit mal-ittra uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku huwa datat 26 ta' Lulju 2006, filwaqt li l-ittra uffiċjali ntbagħtet fid-9 ta' Novembru 2012, jiġifieri wara li kienu għaddew sitt snin. Dwar il-kwistjoni jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġietx fix-xejn meta l-bank sostna li "t-talba għar-riċerka saret biss għal noti fil-konfront ta' *St Andrews Hotel Ltd*", ingħad illi dak l-argument ma kienx ireġi għaliex il-bank ha l-ġurament deċiżorju, fejn ikkonferma li ma kienx debitur tad-Direttur u kwindi ma kienx qed jirrikonoxxi d-dejn. … … …
>
> »Min-naħa tiegħu, id-Direttur igħid illi kien hemm rinunzja tal-preskrizzjoni da parti tal-bank għaliex fit-13 ta' Settembru 2011 Dr. Eric Mamo bagħat *email*, fejn stqarr li r-riċerka kienet ordnata u ma kenitx inġabret. … … …
>
> »… … …
>
> »Dwar il-ġurament deċiżorju, kellu jkun id-Direttur li jitlob li dak il-ġurament jittieħed mhux deċiżjoni tal-bank. … … … l-*affidavit* tar-rappreżentant tal-bank ma jistax jitqies bħala deċiżorju għall-fini tal-art. 2160 għaliex ir-rekwiżit ta' dik id-disposizzjoni huwa illi wieħed jirrispondi li mhux debitur. … … …
>
> »Id-Direttur igħid illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija insostenibbli meta jkun hemm eċċezzjoni oħra fejn jigi ammess li hemm debitu. … … …
>
> »Li sejra tagħmel il-qorti f'dan l-istadju huwa li tistabilixxi x'għamla ta' dejn huwa dak allegat mid-Direttur għall-fini tal-eċċezzjoni tal-

preskrizzjoni skond l-art. 2156(*f*) jew 2156(*g*) tal-Kap. 16. Fil-każ tal-lum, id-Direttur talab il-ħlas għal riċerki.

»L-art 2156(*f*) igħid hekk:-

> »"l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"

»L-art. 2156(*g*) jaqra:-

> "salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra."

»Riferibbilment għall-art. 3(1) tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku jingħad illi "Kull wieħed mill-uffiċċji hawn fuq imsemmija hu mqiegħed taħt it-triġija ta' uffiċjal imsejjah Direttur tar-Reġistru Pubbliku, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ id-Direttur, illi huwa wkoll it-Teżorier tar-Reġistru Pubbliku, u jirċievi għall-gvern il-ħlasijiet ta' drittijiet skond it-Tariffa fl-Ewwel Skeda li hawn ma' dan l-Att".

»Issa l-ammont li wieħed iħallas meta jordna riċerki mir-Reġistru Pubbliku huwa regolat mill-Kap. Ċ, Applikazzjonijiet, Riċerki u Ċertifikati, tal-Ewwel Skeda.

»Għalhekk fil-fehma tal-qorti *stante* illi hawn *si tratta* ta' ħlasijiet ta' drittijiet, l-preskrizzjoni li kienet eċċepita mill-bank intimat u li tapplika għal każ in deżamina huwa l-art. 2156(*g*) tal-Kap. 16.

»Dan aċċertat u stabbilit, il-qorti sejra tgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-ġurament deċiżorju li huwa regolat bl-art. 2160(1) tal-Kap. 16 li jaqra hekk:-

> »"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

»… … …

»Għal dak li jirrigwarda l-kawża tal-lum, id-Direttur igħid illi l-qorti m'għandhiex tagħti piż lill-ġurament deċiżjorju ta' Dr Mamo: primarjament għaliex kellu jkun r-Reġistru Pubbliku li jitlob dak il-ġurament u mhux tkun inizjattiva tal-parti l-oħra; u t-tieni nett minħabba l-fatt li l-ġurament deċiżorju ttieħed permezz ta' *affidavit*, mhux b'xiehda; għalhekk ma kienx validu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

»Skond id-Direttur (fit-tielet eċċezzjoni tiegħu): is-soċjetà rikorrenti ma tistax tqanqal il-preskrizzjoni kwinkwennali b'suċċess sakemm hija ma tiħux il-ġurament kif imfisser fl-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Mill-atti huwa evidenti illi l-ġurament deċiżjorju skond l-art. 2160 tal-Kap. 16 ittieħed mill-bank (*tramite* r-rappreżentant tiegħu) wara li d-Direttur ressaq l-eċċezzjoni tiegħu.

»Mill-atti jirriżulta wkoll illi, għall-ewwel, l-ġurament deċiżjorju ttieħed permezz ta' *affidavit* u f'dan il-każ, li kieku s-sitwazzjoni baqgħet hekk, dan l-*affidavit* ma kienx ikun validu strettament *ai termini* tal-art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Iżda minbarra l-*affidavit* tirriżulta wkoll ix-xiehda *viva*

*voce* ta' Dr Eric Mamo *a fol*. 1209 tal-proċess, fejn l-Avukat Mamo mistoqsi jekk il-bank kienx debitur tad-Direttur jirrispondi hekk:-

»"Il-bank mhux debitur skont l-avviż.

»"Dr Mireille Sacco: U meta tgħid skond l-avviż xi trid tfisser biha?

»"Xhud: Aħna nordnaw mas-sebgħin elf euro riċerki fis-sena; ma nistax ngħidlek li m'għandix nagħti lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

»"Dr Mireille Saċċo: Le, le skont l-avviż.

»"Xhud: Skont l-avviż m'aħniex debituri."

»In ġenerali, din il-qorti tikkonstata li d-Direttur seta' jwieġeb għall-preskrizzjoni eċċepita jew permezz tal-ġurament deċiżorju skond l-art. 2160 tal-Kap. 16 jew bil-mezzi l-oħra li kreditur jista' juża sabiex jiddefendi ruħu mill-preskrizzjoni, jiġifieri li kien hemm rinunzja jew interruzzjoni. F'dawn il-proċeduri d-Direttur għażel li jiddefendi ruħu bil-ġurament deċiżjorju. Hija l-fehma tal-qorti illi, kontrarjament għal dak li għamel, ma setax sussegwentement jagħmel sottomissjonijiet dwar il-fatt li kien hemm rinunzja u interruzzjoni tal-preskrizzjoni da parti tal-bank, għaliex malli d-Direttur għażel li jagħti l-ġurament deċiżjorju lir-rappreżentant tal-bank ifisser illi rritjena li l-preskrizzjoni li kienet qed tigi eċċepita mill-bank setgħet validament tingħata u jkollha effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi – kif *del resto* din il-qorti tgħid illi kienet fid-dawl tal-osservazzjonijiet li din il-qorti għamlet aktar kmieni.

»Billi jirrizulta li l-bank iddikjara illi ma kienx debitur tad-Direttur fil-kuntest tal-kwistjoni mertu ta' dan il-proċediment, billi jirriżulta li l-*invoice* kien datat 26 ta' Lulju 2006, u billi l-ittra uffiċjali kienet preżentata fid-29 ta' Novembru 2012, u allura wara li kienu għaddew sitt snin, il-perijodu ta' ħames snin skond l-art. 2156(*g*) tal-Kap. 16 kien għadda.«

4. Id-Direttur appella b'rikors tat-18 ta' Lulju 2014 li għalih *HSBC* wieġbet fis-6 ta' Awissu 2014. L-aggravju tad-Direttur dwar id-deċiżjoni tal-ewwel qorti fuq il-ġurament deċiżorju effettivament huwa fis-sens illi d-Direttur ma kienx talab illi jingħata lil *HSBC* l-ġurament imsemmi fl-art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili u illi l-ġurament ma tteħidx kif trid il-liġi.

5. Il-qorti tosserva qabel xejn illi l-materja tal-ġurament deċiżorju hija regolata f'din il-kawża bil-liġi kif kienet qabel l-emendi magħmula bl-Att I.2017.4 u bl-Att VIII.2017.8. Kif inhi l-liġi llum, wara dawk l-emendi, il-ġurament jittieħed "minn jeddhom" minn min iressaq l-eċċezzjoni waqt li, kif kienet fiż-żmien relevanti, il-liġi kienet tghid illi hija l-parti li kontra

tagħha titressaq l-eċezzjoni li setgħet tfittex li twaqqa' l-eċċezzjoni billi tagħti l-ġurament lill-parti l-oħra. L-art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili dak iż-żmien kien igħid hekk:

> »**2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.«

6. Ir-raġuni għal dan hija illi, jekk jittieħed il-ġurament, l-eċċezzjoni tintlaqa' u – kif kienet il-liġi fiż-żmien relevanti – ma jibqax miftuħ għall-parti li kontra tagħha tkun ingħatat li tfittex li twaqqa' l-eċċezzjoni b'mezzi oħra, bħal ma huma s-sospensjoni jew l-interruzzjoni: għalhekk il-ġurament kien jingħad li huwa "deċiżorju", u għalhekk l-għażla tagħtix il-ġurament kienet titħalla f'idejn il-parti li kontra tagħha tkun ingħatat l-eċċezzjoni għax, jekk tagħżel dik it-triq, kienet tkun qiegħda effettivament tirrinunzja għall-possibilità illi twaqqa' l-eċċezz-joni b'mezzi oħra.

7. Il-kwistjoni fil-każ tallum għalhekk effettivament hija jekk id-Direttur għażilx li jagħti l-ġurament lill-parti l-oħra. Jekk id-Direttur għażel li jagħti dak il-ġurament, u l-ġurament ittieħed minn min ressaq l-eċċezzjoni, mela l-eċċezzjoni tintlaqa' mingħajr indaġni ulterjuri; jekk iżda l-ġurament ittieħed *sua sponte* mill-parti li ressqet l-eċċezzjoni, jew ma tteħidx kif trid il-liġi. dan ma jkunx biżżejjed biex tintlaqa' l-eċċezzjoni.

8. Fil-każ tallum l-okkażjonijiet fejn id-Direttur jista' jitqies li għażel li jagħti l-ġurament lill-parti l-oħra huma tnejn: (i) fit-tweġiba għar-rikors maħluf u (ii) waqt il-kontro-eżami tal-Avukat Eric Mamo, rappreżentant

ta' *HSBC*. Huwa biżżejjed li f'waħda minn dawn l-okkażjonijiet id-Direttur jitqies li għażel li jingħata l-ġurament lill-parti l-oħra biex l-eċċezzjoni tintlaqa', jekk il-ġurament effettivament ittieħed.

9. Fit-tweġiba għar-rikors li bih *HSBC* opponiet għat-talba tad-Direttur, id-Direttur *inter alia* wieġeb hekk:

> »3. illi bla preġudizzju għas-suespost, għalkemm m'hemmx inter-ruzzjoni ta' preskrizzjoni biex din tiġi eċċepita b'suċċess, is-soċjetà rikorrenti ma tistax tqanqal il-preskrizzjoni kwinkwennali b'suċċess sakemm hija ma tiħux il-ġurament kif imfisser fl-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.«

10. Billi din it-tweġiba saret "bla preġudizzju għas-suespost", tajjeb jingħad illi minnufih qabel id-Direttur kien wieġeb hekk:

> »2. illi l-preskrizzjoni li qed tiġi revokata [*recte*, invokata] mis-soċjetà rikorrenti hija newtralizzata b'dikjarazzjoni tagħha stess fejn fit-tielet paragrafu qed jiġi eċċepit li 'talba għar-riċerka saret biss għal noti reġistrati fil-konfront ta' *St Andrews Hotel Ltd* klijenta tar-rikorrent'.«

11. *HSBC* fehmet illi bit-tielet paragrafu tat-tweġiba d-Direttur kien qiegħed ifittex li tingħata il-ġurament deċiżorju, u għalhekk b'*affidavit* tal-1 ta' Marzu 2013 l-Avukat Mamo ħalef illi "l-bank intimat mhux debitur skond it-talba".

12. Fil-fehma ta' din il-qorti t-tielet paragrafu tat-tweġiba td-Direttur ma jistax jiftehem li bih kien qiegħed jingħata l-ġurament għall-għanijiet tal-art. 2160. Ir-raġuni għal dan hija illi dak il-paragrafu huwa "bla preġudizzju" għal dak ta' qablu li bih id-Direttur qal li *HSBC* għarfet id-dejn u għalhekk kisret il-preskrizzjoni li kienet għaddejja favur tagħha. It-tielet paragrafu għalhekk kellu jiftehem fis-sens illi d-Direttur ma kienx qiegħed jagħti l-ġurament f'dak l-istadju iżda jirriserva li jressqu aktar 'il quddiem jekk l-argument tiegħu li kien hemm interruzzjoni ma

jintlaqax. Tassew illi l-kliem "għalkemm m'hemmx interruzzjoni ta' preskrizzjoni biex din (*sic.* l-interruzzjoni) tiġi eċċepita b'suċċess" ma huwiex feliċi, għax kellu jkun "ukoll jekk ma kienx hemm interruzzjoni", iżda t-tifsira hija ċara.

13. Għalhekk, għalkemm il-ġurament ittieħed mill-parti li ressqet l-eċċezzjoni (u inċidentalment din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti meta qalet li l-ġurament għall-għanijiet tal-art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili ma setax jittieħed b'*affidavit*), f'dak l-istadju l-ġurament ittieħed *sua sponte* u mhux għax ingħata mid-Direttur.

14. Ngħaddu mela għall-episodju tal-kontro-eżami tal-Avukat Mamo.

15. L-ewwel qorti qieset illi fis-silta tax-xiehda tiegħu riprodotta fis-sentenza appellata[1] l-Avukat Mamo ngħata l-ġurament għall-għanijiet tal-art. 2160 u stqarr li *HSBC* mhijiex debitur. Fir-rikors tal-appell id-Direttur igħid illi hu "għażel li jagħmel il-kontro-eżami ta' Dr Eric Mamo u mhux li jagħti l-ġurament deċiżorju". Il-qorti ma taqbilx li, għax l-istqarrija tal-Avukat Mamo saret waqt kontro-eżami, mela ma tistax titqies illi saret għall-għanijiet tal-art. 2160. Li jiswa hu illi l-istqarrija saret bil-ġurament bi tweġiba għal mistoqsija speċifika ta' min kontra tiegħu tressqet l-eċċezzjoni: jekk saritx wara li min għamel l-istqarrija kien imsejjaħ bħala xhud tal-parti l-oħra jew wara li kien imsejjaħ għall-kontroeżami mill-parti l-oħra ma jagħmilx differenza.

1 P. 4, *supra*.

16. Madankollu, l-istqarrija ta' min iressaq l-eċċezzjoni ma għandhiex tkun kondizzjonata. Fil-każ tallum, wara s-silta miġjuba fis-sentenza appellata l-avukat Mamo kompla jixhed illi hu (f'isem *HSBC*) ma huwiex debitur "ta' dak l-*invoice …* kollu kemm hu". Din il-kwalifika tat-tweġiba hija x'aktarx ambigwa: tista' tfisser li ma hu debitur xejn u tista' tfisser illi hu debitur mhux tal-*invoice* "kollu kemm hu" iżda ta' parti minnu. Fil-fatt, aktar 'il quddiem kompla jfisser hekk:

> »… imma jekk inti timballali kollox, li iktar minn 80% jew 90% … m'humiex rilevanti ghat-talba tieghi, jien mhux debitur ta' dak l-*invoice*.«

17. Dan ifisser li l-Avukat Mamo (dejjem f'isem *HSBC*) qies li ma huwiex debitur tal-*invoice* "kollu kemm hu" għax ma għandux jagħti "80-% jew 90%" minnu, u mhux għax ma hu debitur xejn. Mela ma jistax jitqies li ħa l-ġurament fil-forma li jrid l-art. 2160, *viz.* li inkondizzjonatament "ma huwiex debitur".

18. L-ewwel aggravju tal-appell għalhekk għandu jintlaqa'. Il-konsegwenza ta' dan huwa, fi kliem l-art. 2160, illi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni "ma għandhiex effett" u ma għandhiex tintlaqa', u ma jibqax meħtieġ illi ssir indaġni ulterjuri dwar jekk il-preskrizzjoni nkisritx jew le (li huwa l-meritu tat-tieni aggravju tad-Direttur).

19. Dan ma jfissirx illi t-talba tad-Direttur għall-ħlas għandha tintlaqa' għax għadha pendenti l-kontestazzjoni jekk *HSBC* talbitx is-servizz kollu li għalih intalab ħlas mid-Direttur – *viz.* ir-riċerki dwar aljenazzjonijiet u passività ta' terzi – jew talbitx biss parti minn dak is-servizz. L-atti

għalhekk għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex quddiemha jitkompla s-smigħ dwar din il-kontestazzjoni.

20. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa minn *HSBC*[2], u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

21. L-ispejjeż ta' dan l-episodju, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom *HSBC.*

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb

[2] Biex ma jkun hemm ebda ekwivoku – billi r-rikors maħluf sar minn *HSBC* u għalhekk l-eċċipjent teknikament huwa d-Direttur – ir-referenza għall-eċċezzjoni ta' preskrizz-joni hija referenza għar-raġuni mressqa minn *HSBC* biex tikkontesta t-talba magħmula mid-Direttur taħt l-art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.